# Id-daqq tal-qniepen f'Ħal Tarxien

Ħal Tarxien hu wieħed mill-eqdem irħula Maltin, għaldaqstant min jaf kemm tul is-snin ġabar miegħu drawwiet marbutin ma' kull qasam tal-ħajja. Diżgrazzjatament, uħud minn dawn id-drawwiet intilfu, oħrajn jinsabu moribondi, iżda oħrajn għadhom magħna. Wieħed jammetti, li l-kamla li dejjem tipprova tiekol u tmermer dawn id-drawwiet qodma marbutin ma' l-identità nazzjonali tagħna, hija l-progress.

Illum bil-qawwa tal-mass media u tat-taħlit mal-barranin f'Malta u barra, jinsabu fostna, uħud li lesti jissagrifikaw dak li hu tagħna waqt li jitilfu għaqalhom wara dak barrani. Jiena ma nippretendix li għandna ninqatgħu għalina mill-bqija tad-dinja jew li ma nimxux maż-żmien; iżda mill-banda l-oħra, l-identità tagħna rridu nibżgħu għaliha. Jekk ma nagħmlux hekk, inkunu qegħdin nonqsu wkoll mir-rispett lejn missirijietna.

**Id-daqq tal-qniepen:**



Waħda mid-drawwiet li qiegħda ssib il-bsaten fir-roti - forsi f'ċerti bliet u rħula, aktar minn f'oħrajn - hija d-daqq tal-qniepen mill-kampnari tal-knejjes tagħna. Għall-Grazzja t'Alla f'Ħal Tarxien dawn għadhom ma siktux għal kollox; u jalla ma jisktux, kif ġralhom f'postijiet oħra. S'issa għadhom iferrħuna jew inikktuna bil-messaġġi li jwasslulna.

Fid-dramm "Macbeth" ta' William Shakespeare (1564-1616) insibu lill-ġeneral Macbeth jistqarr li, "The bell invites me". (2 Att. I, 62) U hekk hu. Il-qniepen isejħulna, jistednuna, iħabbrulna. Ftit ilu persuna anzjana qaltli li kultant il-knisja ddoqq tliet moti: waħda biex tħabbrilna, oħra biex tistedinna, u t-tielet waħda biex twiddibna.

**Messaġġi ta ferħ u niket:**

Kif ġà għedt, il-qniepen iwasslulna messaġġi differenti. Uħud minn dawn il-messaġġi jkunu ta' ferħ, oħrajn ta' niket. Min ma jħossx fih il-ferħ joktor, ngħidu aħna, mad-daqq tal-qniepen f'xi festi partikolari? Dawk il-moti sbieħ, jibdew qanpiena wara l-oħra sakemm ftit wara jingħaqdu kollha flimkien u joħolqu dik l-armonija ħelwa li tpaxxi 'l-widnejn ta' min jismagħha.

Id-daqq tal-qniepen jitlob sengħa u interess. Niftakar f'Ħal Tarxien lil ċertu Ġanni (Mazzitu) li kien joqgħod fi Triq Santa Marija, li n-namra tiegħu kienet id-daqq tal-qniepen. Kont tarah bl-arloġġ f'idu, jikkmanda lilna t-tfal li konna nibkulu biex iħallina nitilgħu miegħu fuq il-kampnar fil-ġranet tal-festa tal-Lunzjata. Erba' moti; kull waħda differenti mill-oħra. Erba' moti lejlet u nhar il-festa. Imbagħad "innaqqru" għall-paneġierku; ftit wara ndoqqu s-"Sanctus" tal-kantata. Tiġbed tokk biss meta jgħidlek hu. Kemm it-"tnaqqir" kif ukoll is-"Sanctus", it-tnejn jispiċċaw b'żewġ tokki wara xulxin bl-istess qanpiena l-"Kbira".

Iżda fis-sewwa kollha, l-aktar mota li kienet tpaxxini fi tfuliti kienet dik magħrufa bħala "Tas-Sollennità". Din kienet tindaqq f'xi t-tlieta u nofs ta' filgħodu - illum fejn tindaqq, tindaqq fis-sitta - u ddum sejra nofs siegħa. F'dik il-ħemda, f'dak il-kwiet, dawk l-ilħna tal-qniepen bit-temp adattat kienu jqabbżuli d-dmugħ bla ma naf għaliex; kont inħosshom jikkommovuni.

L-istess bħalma jferrħu l-moti tal-festi maġġuri ta' matul is-sena. Il-"Gloria" fil-quddiesa tal-Għid il-Kbir, waħda minnhom. Żewġ tokki, tlieta, bil-"Kbira", imbagħad jingħaqdu l-qniepen l-oħra u jieqfu eżatt f'daqqa. Niftakar lil Ġanni jgħolli idu, u kif iniżżilha, kulħadd jieqaf zoptu. Ara ma jfettillekx ma tkunx attent u tagħti xi tokk żejjed, għax, "ħoll xagħrek u ġib iż-żejt". L-istess bħall-mota qasira tal-Barka Sagramentali; jew dik tal-"Glorja" f'Ħamis ix-Xirka.

Iżda l-aħbarijiet li jwasslulna l-qniepen mhux dejjem ikunu sbieħ. Niftakar dawk it-tokki llajmati f'xi ħin mhux mistenni tal-jum. "Xxx.., biżżejjed, ħa nisma'. Iva, dan vjatku!" Imbagħad ħafna tfal arahom b'ġirja waħda lejn il-knisja biex jilħqu xi fanal.

U xi ngħidu, għal xi aħbar ta' mewt. Il-kbar erħilhom isikktu liż-żgħar ħalli jkunu jistgħu jgħoddu t-tokki tal-"Fustanija". Għax jekk kien ikun miet raġel, allura t-tokki kiebja kienu jkunu sebgħa għal seba'

darbiet; jekk kienet tkun mara, allura dawn kienu jkunu ħamsa għal ħames darbiet. Din kienet tissejjaħ trapassjoni. Meta kien imut xi saċerdot, id-daqq tat-transtu kien ikun għal kollox differenti; kienu jieħdu sehem il-qniepen kollha. Dan għadu jsir sa llum. Ġieli kienet tindaqq ukoll l-agonija meta xi moribond ikun fuq soddtu jistenna jtemm il-ħajja tiegħu fuq din l-art. Ninnutaw, dawn huma kollha kelmiet ta' nisel Taljan jew Latin. Iżda trapassjoni u trastu jfissru l-istess ħaġa; il-mogħdija li tgħaqqad din il-ħajja ma' l-eternità.

Imbagħad hemm id-daqq fil-funerali. Fi tfuliti spiss konna nisimgħu żewġ qniepen idoqqu flimkien li kienu jagħtuna x'nifhmu li kien ikun qed isir xi funeral ta' tarbija. Dak iż-żmien sikwit kont tara qassis u żewġ abbatini jakkompanjaw tebut ċkejken abjad merfugħ minn erbat itfal! Il-qniepen tal-knisja kienu jdoqqu, il-"Glorja". Għall-kbar iż-żewġ qniepen kienu jdoqqu b'mod differenti.

Fil-funeral ta' xi saċerdot imbagħad, il-qniepen kollha jissieħbu f'nisġa ta' karba newwiħija b'tokki meqjusa wara xulxin. Dak it-tip ta' daqq konna nsejħulu rampil. Huwa dak l-istess daqq li jinstema' kull nhar ta' Ġimgħa fit-tlieta ta' wara nofsinhar, biex ifakkar il-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu ; inkella bħal dak li jindaqq matul ix-xahar ta' Novembru.

**Stediniet għat-talb:**

Niftakat lil nannuwi jgħidli li fl-antik il-qniepen ġieli daqqew waqt xi maltempata kerha jew wara xi theżżiż ta' l-art . Dan kien isir biex l-Insara jdawru ħarsthom lejn is-Sema u jitolbu maħfra, ħniena u l-għajnuna meħtieġa f'sitwazzjonijiet prekarji bħal dawk. Fil-fatt, xi nies kienu jixegħlu xi biċċa xemgħa tal-Kandlora quddiem xbiha għażiża u jinfexxu f'talb ħerqan.

Anzjan ieħor ftit ilu fissirli li fl-antik il-qniepen kellhom funzjoni soċjali barra dik reliġjuża. Mhux kulħadd kien jaf jaqra l-arloġġ u barra minn hekk, l-arloġġi ta' l-idejn jew dawk imdendlin ma' xi polka sabiħa ma kinux ħwejjeġ ta' kuljum. Allura x-xogħol tar-raba' kien jibda f'ċertu ħin, imbagħad mat-tokki tat-tmienja kien ikun hemm ftit ħin ta' mistrieħ; f'nofsinhar mistrieħ itwal u mad-daqq ta' l-Ave Marija, il-ħidma kienet tiġi fi tmiemha.

Ta' min isemmi wkoll it-tokki ta' l-Orazzjoni u dawk ta' l-Imwiet. Dawn bħall-Ave Maria ma kinux jindaqqu dejjem fl-istess ħin, iżda skond l-istaġun. Kmieni filgħodu kien jindaqq il-Pater Noster; aktarx nofs siegħa qabel toħroġ l-ewwel quddiesa fil-parroċċa.

**Għeluq:**

Illum, f'Ħal Tarxien ukoll, id-daqq tal-qniepen naqas. Ma jimpurtax. L-aqwa li ma spiċċax. Wara kollox, ċertu daqq m'għadx hemm loku. Importanti l-moderazzjoni. Ngħidu aħna, m'hemmx għalfejn quddiesa ddum iddoqq ħames minuti, ftit tokki biżżejjed. L-istess dwar daqq ta' qniepen f'ċerti ħinijiet tal-lejl.

Iżda tajjeb li wieħed jifhem li l-qniepen jagħtu ċertu tifsir lill-ħajja, iżejnuha. Huma ilħna differenti ġejjin minn qniepen ta' daqs u ton differenti. Uħud jingħataw isem jew laqam. Aħna għandna: iż-Żgħira, il-Fustanija, il-Qadima, l-Għawdxija, u l-Kbira.

Huwa veru li f'din il-Kitba kkonċentrajt fuq id-daqq tal-qniepen f'Ħal Tarxien. Iżda Ħal Tarxien kien u għadu jagħmel parti mill-gżejjer Maltin, għalhekk dak li għedt, jgħodd ukoll għal diversi bliet u rħula oħra. Jidher ċar li missirijietna ħabbewhom ħafna lill-qniepen u ħadmu u stinkaw biex fil-parroċċi tagħhom ikollhom sett mill-isbaħ. Kultant raw kif għamlu biex dendlu qniepen żgħar anke f'kappelli ġol-lokal. Id-daqq tagħhom għalihom kien ifisser ħafna u kien isir bis-serjetà u b'ċerta maestrija.

Ħal Tarxien s'issa rnexxielu jżomm it-tradizzjoni tad-daqq tal-qniepen; grazzi għall-kappillani li kellna u li għandna. Illum ninsabu mdawrin b'diversi ħsejjes storbjużi ferm aktar minn tokki ta' qanpiena, u tista' tgħid li ħadd ma jipprotesta. Hdejn dawn l-istorbji, ċertament id-daqq tal-qniepen ma joqgħodx. Importanti, iżda, li min idoqqhom ikollu s-sengħa ta' kif iwassal messaġġ permezz ta' armonija ħelwa, bla ma ttul iżżejjed. Tajjeb li l-kbar jgħallmu liż-żgħar japprezzaw din it-tradizzjoni biex tibqa' ħajja għax saret parti integrali mill-identità Maltija.

**ALFRED MASSA**